32002D0620

26.7.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 197/53

# ID-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL, TAL-KUMMISSJONI, TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA, TAL-QORTI TA' L-AWDITURI, TAL-KMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI, TAL-KUMITAT U TAR-REĠJUNI U TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej

(2002/620/KE)

Il-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA, IL-KUMMISSJONI EWROPEA, IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA, IL-QORTI TA' L-AWDITURI, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI, IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-OMBUDSMAN EWROPEW,

Wara li kkunsidraw ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, kif stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru. 490/2002 ([2]),u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal imsemmija,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Billi:

(1) Fl-interess li jagħmlu użu effiċjenti u ekonomiku tar-rizorsi, korp interistituzzjonali komuni għandu jkun inkarigat li jagħzel uffiċjali u aġenti oħra biex iservu 'l Komunitajiet Ewropej.

(2) Il-korp interistituzzjonali hekk stabbilit għandu jkollu l-kompitu li jfassal listi ta' riservi minn fost kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa skond il-ħtiġijiet indikati minn kull istituzzjoni u konformi mar-Regolamenti tal-Persunal, bid-deċiżjonijiet li jinħatru kandidati li jirnexxu jittieħdu minn kull awtorità ta' ħatra.

(3) Fuq l-istess kondizzjonijiet, il-korp interistituzzjonali għandu jkun jista' jgħin lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji stabbiliti minn jew skond it-Trattati, fil-kompetizzjonijiet interni tagħhom u l-għażla ta' aġenti oħra,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

Qiegħed ikun hawnhekk stabbilit Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju").

([1]) ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 77, 20.03.2002, p. 1.

*Artikolu 2*

**Poteri**

1. L-Uffiċċju għandu jeserċita s-setgħa ta' l-għażla mogħti lilu taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal u taħt l-Anness III tagħhom meta l-awtoritajiet tal-ħatra ta' l-istituzzjonijiet jiffirmaw din id-deċiżjoni. F'każijiet eċċezzjonali biss u bil-kunsens ta' l-Uffiċċju, l-istituzzjonijiet jistgħu jorganizzaw kompetizzjonijiet miftuħa tagħhom stess biex jilħqu ħtiġijiet speċifiċi għal persunal speċjalizzati ħafna.

2. Fejn il-poteri msemmija fil-paragrafu 1 jingħataw lill-awtorità tal-ħatra ta' korp, uffiċċju jew aġenzija stabbiliti minn jew skond it-Trattati, l-Uffiċċju jista' jeżerċita dawn il-poteri fuq talba ta' dawn ta' l-aħħar.

3. Id-deċiżjonijiet biex jinħatru kandidati li jirnexxu għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet tal-ħatra tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti ta' l-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat tar-Reġjuni u ta' l-Ombudsman Ewropew u minn kull korp, uffiċċju jew aġenzija stabbilita minn jew skond it-Trattati li jkunu ddelegaw il-poteri tagħhom lil jew talbu s-servizzi ta' l-Uffiċċju.

*Artikolu 3*

**Dmirijiet**

1. B'rispons għat-talbiet magħmula lilu mill-awtoritajiet tal-ħatra msemmijja fl-Artikolu 2, l-Uffiċċju għandu jfassal listi ta' riserva minn fost kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa kif imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal u skond l-Anness III tagħhom.

2. L-Uffiċċju jista' jgħin lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji stabbiliti minn jew skond it-Trattati f'kompetizzjonijiet interni u fl-għażla ta' aġenti oħrajn.

*Artikolu 4*

**Talbiet, ilmenti u appelli**

Skond l-Artikolu 91a tar-Regolamenti tal-Persunal, talbiet u ilmenti li huma marbuta ma' l-eżerċitazzjoni tal-poteri mogħtija fl-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju. Kull appell f'dawn l-oqsma għandu jitressaq kontra l-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

**Implimentazzjoni**

Is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarji Ġenerali tal-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni u r-rappreżentat ta' l-Ombudsman Ewropew għandhom bi qbil reċiproku jieħdu l-mizuri meħtieġa biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

**Data Effettiva**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

Patrick COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Jaume MATAS i PALOU

*Għall-Kummissjoni*

Romano PRODI

*Il-President*

*Għall-Qorti tal-Ġustizzja*

*Il-President*

Gil Carlos RODRIGUEZ IGLESIAS

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

*Il-President*

Juan Manuel FABRA VALLÉS

*Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali*

*Il-President*

G FRERICHS

*Għall-Kumitat tar-Reġjuni*

*Il-President*

Sir Albert BORE

*L-Ombudsman Ewropew*

Jacob SÖDERMAN